MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 439/2005

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**vs**

**Lawrence Mangion (ID: 205581 M)**
**Priscilla Mangion (ID: 140380 M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-Bank attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u erbgha u sebghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm2,674.36) rapprezentanti:
(i) in kwantu ghal elfejn, mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,182.50) bhala bilanc fuq self tat-tip "Flexicredit" moghti mis-socjeta' attrici lill-konvenuti, bin-numru tal-kont bankarju 013-157953-300, flimkien ma' mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm286.54) bhala imghaxijiet

kapitalizzati fuq il-kont imsemmi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) per annum, sa' l-24 ta' Gunju, 2005 (Dok.H1 sa' H3);
(ii) in kwantu ghal mija u hamsa u sebghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm175.31), bhala bilanc fuq "Rescheduled Overdraft Account" bin-numru 013-163910-340, flimkien ma' tletin lira Maltin u centezmu (Lm30.01) bhala imghaxijiet kapitalizzati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) per annum, sa' l-24 ta' Gunju, 2005 (Dok.H4 sa' H5).

Il-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju, 2004 (Dok. H6 u H7), izda baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Mejju, 2004, u bl-imghaxijiet legali kkalkolati mill-24 ta' Gunju, 2005 sal-gurnata tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------